MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru 638/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
vs**

**MARCELLE GALEA
ANTHONY GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marcelle Galea ta’ 20 sena, bint Carmelo Galea u Emanuela nee’ Gialanze, imwielda 2 ta’ Frar 1984 Pieta’, u residenti Kristu Re, Triq il-Qadi, Zejtun jew Claire De Lun, Triq Dun Alwigg Camilleri, Zejtun. ID 197585M u Anthony Galea ta’ 27 sena, iben Spiridione u Adriana nee’ Bonnici, imwieled 6 ta’ Jannar 1978 Pieta’, u residenti 21, Triq San Gwann, Zejtun. ID 89178M.

Billi gew akkuzati tall f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Marzu 2005, gewwa San Giljan u z-Zejtun u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex gieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' Lm195.84 u dan ghad-dannu ta' Lawrence Farrugia, Marlene Bottiglieri, HSBC Bank (Malta) plc, u persuni ohra, u dan bi ksur ta' artikolu 308, 309 u 310 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza, ghad-dannu ta' Lawrence Farrugia, Marlene Bottiglieri, HSBC Bank (Malta) plc, u persuni ohra,, u dan bi ksur ta' Artikolu 184 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, ghad-dannu ta' Lawrence Farrugia, Marlene Bottiglieri, HSBC Bank (Malta) plc, u persuni ohra,, dan bi ksur ta' Artikolu 184 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Xjentement laqghu ghandhom, jew kellhom hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikoli 334 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Il-Ko-imputata Marcelle Galea wehedha, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Marzu 2005, f' xi hin bejn is-sebgha u nofs (07.30hrs) u d-disgha u nofs (09.30hrs) ta' filghodu ikkometa serq ta' cekk, tal-HSBC minn gewwa l-fergha tal-bank HSBC Bank (Malta) plc, ta Triq San Gorg San Giljan, ghad dannu ta' Marlene Bottiglieri, liema serq huwa aggravat bil-'persuna', u bil-'lok' dan bi ksur ta' Artikoli 268 u 269 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Il-Ko-imputat Anthony Galea wahdu akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Marzu 2005, gewwa z-Zejtun jew bnadi ohra ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozzijonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozzizjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-att jew skrittura wara li kienet giet iffirmata, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw, ghad-dannu ta' Lawrence Farrugia, Marlene Bottiglieri, HSBC Bank (Malta) plc, u persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 183 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar il-Ko-imputat Anthony Galea wahdu akkuzat talli ghamel reat iehor fi zmien ta' perjodu ta' sentenza sospiza, liema sentenza inghatat nhar id-9 ta' Dicembru 2004, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

8. U aktar il-Ko-imputat Anthony Galea wahdu akkuzat talli kiser ordni tal-Qorti li ma taghmil reat iehor fi zmien sena liema sentenza inghatat nhar id-7 ta' Marzu 2005, liema sentenza hija definitive u ma tistax tinvidel;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MS5 u nnutat li l-imputati Marcelle Galea u Anthony Galea m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li r-raba' akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, ghal dak li jirrigwarda l-imputata Marcelle Galea biss, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-hames akkuza liema akkuza tirrigwarda serq u li hi fil-konfront tal-imputata Marcelle Galea biss u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosektur talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija raba' akkuza u dan fil-konfront tal-imputata Marcelle Galea biss.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputata Marcelle Galea, fil-presenza tal-avukat difensur taghha, iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv ir-raba' akkuza.

Inoltre innutat li l-imputat Anthony Galea, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputata Marcelle Galea, fil-presenza tal-avukat difensur taghha, regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv ir-raba' akkuza u l-imputat Anthony Galea, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Raymond Grech moghtija fis-Seduta tallum fejn dan ix-xhud qal: "Jiena rapprezentant tas-Sedqa in kwantu ghad-Dipartiment tad-Drug rehabilitation u qieghed f'pozizzjoni li nghid in kwantu ghal imputat Anthony Galea li qed naghrfu prezenti fl-Awla, nghid li Anthony Galea dahal volontarjament fis-27 ta' Gunju 2005 fis-Sedqa in kwantu ghal programm kontra l-abbuz mid-droga. Huwa ghamel sena residenzjali. Nghid illi mbaghad ghamel hames xhur

semi residenzjali fejn huwa kien diga’ qabad jahdem. Nghid illi mbaghad wara fazi ohra ta’ hames xhur huwa gie certifikat li l-fazijiet kollha dwar il-programm ta’ kontra l-abbuz mid-droga huwa kkompletah u issa ilu sena u xahrejn fil-fazi ta’ after care. Nghid illi huwa ghamel progress u rijabilitazzjoni totali. Nghid illi ahna bhala awtoritajiet li mexxejna dana l-programm ahna qatt ma kellna nintervjenu f’sens li kellna naghtu xi canfira jew inkella xi haga ta’ dixxiplina rigwardanti Anthony Galea ghaliex dana dejjem mexa b’mod ezemplari u dejjem obda l-ordnijiet. Nghid li fil-fazi li qieghed issa ghalkemm wiehed m’huwiex obbligat li jattendi kull xahar ghal funzjoni li ssirilhom dawn il-persuni, nghid huwa xorta Anthony Galea jaghzel li jattendi u qieghed jattendi.

Nghid illi l-imputat ghandu xoghol stabbli. Huwa xufier ta’ coach. Jiena lil imputat Anthony Galea qed naghrfu prezenti fl-Awla.”

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li, fid-dawl ta’ dak li xehed illum ix-xhud Raymond Grech fil-konfront tal-imputat Anthony Galea, l-Prosekuzzjoni hi tal-fehma li ma jkunx idoneju li l-imputat Anthony Galea jinghata piena karcerarja u inoltre iddikjara li nkwantu ghas-seba’ (7) akkuza migjuba kontra l-istess imputat Anthony Galea biss, il-Qorti ghandha gentilment tikkonsidra il-possibilita’ li l-perjodu operattiv tas-Sentenza sospiza riferita fl-akkuza seba’ (7) migjuba kontra l-imputat Anthony Galea biss ghandu jkun estiz.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li qeghdin jobbligaw ruhhom li fi zmien xahar millum ihallsu bejniethom f’partijiet ugwali lill-parte civile Lawrence Farrugia is-somma ta’ Euro 456.18.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputata Marcelle Galea l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309, 310, 184, 268, u 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Anthony Galea l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309 310, 183, 184, 334, 28A u 28B(2)(b) tal-Kap. 9 u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Marcelle Galea, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha salv ir-raba’ akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali aggornata tal-imputata li hi wahda netta u l-fatt li l-imputati iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li qeghdin jobbligaw ruhhom li fi zmien xahar millum ihallsu bejniethom f’partijiet ugwali lill-parte civile Lawrence Farrugia is-somma ta’ Euro 456.18, tillibera lill-imputata Marcelle Galea taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward ir-raba’ (4) akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, ghal dak li jirrigwarda l-imputata Marcelle Galea biss, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din ir-raba’ (4) akkuza u dan pero’ fil-konfront tal-imputata Marcelle Galea biss.

Issib lill-imputat Anthony Galea, fuq ammissjoni hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li qeghdin jobbligaw ruhhom fi zmien xahar millum ihallsu bejniethom f’partijiet ugwali lill-parte civile Lawrence Farrugia is-somma ta’ Euro 456.18, nkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Anthony Galea salv is-seba’ akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Anthony Galea tikkundanna lill-istess imputat Anthony Galea ghall-piena komplessiva ta’ Elfejn u tmien mitt Euro (Euro 2,800) multa.

Rigward is-seba’ (7) akkuza migjuba kontra l-imputat Anthony Galea biss, il-Qorti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak li qal ix-xhud Raymond Grech

mid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din is-seba (7) akkuza migjuba kontra l-imputat Anthony Galea biss u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi bis-Sentenza tad-9 ta' Dicembru, 2004 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna B.A., LL.D. fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit vs Anthony Galea) u li vera kopja fotostatika ta' din is-Sentenza tinsab esebita f'atti ta' din il-kawza bhala Dok DZP2 ghal perjodu ulterjuri ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Anthony Galea bi kliem car ir-responsabilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tat lill-imputata Marcelle Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------